# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 835

KAZ NRU. 890

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Doris Borg

u

St. Catherine's High School

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 27 ta' Mejju, 1997

**Chairman : Is-Sur Maurice J.V. Bonello M.B.E.**

**PRELIMINARI**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal permezz ta' l-ittra riferenza Nru. ME/2/94 mill-Onor. Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani, datata 9 ta' Dicembru, 1994.

Ghall-appellanti Doris Borg kien hemm jghina s-sur Alfred Buhagiar, waqt li l-appellata Marie Midolo kienet mghejjuna mill-avukat Dr. J.R. Micallef LL.D.

It-Tribunal zamm tmintax (18)-il seduta.

**OKKORENZI**

Doris Borg kienet impjegata bhala ghalliema mas-St. Catherine's High School. Fl-24 ta' Ottubru, 1994 kien sejjer ikun hemm *strike* tat-trasport pubbliku. Doris Borg ghamlet arrangamenti mal-kollegi taghha biex jghaddu ghaliha bit-

trasport privat taghhom. Proprju dakinhar Doris Borg sebhet ma tiflahx. Cemplet lil dik il-persuna li kienet se tghaddi ghaliha u talbitha biex tinforma l-iskola li ma kienetx se tattendi dakinhar minhabba mard. Meta marret l-iskola jumejn wara, pprezentat certifikat tal-mard. Ghalkemm l-amministrazzjoni tal-iskola zammet ic-certifikat, hija rrifjutat li tirrikonoxxieh ghaliex Doris Borg ma kienetx avzat l-iskola direttament li kienet ma tiflahx. Per konsegwenza, l-iskola naqsitilha jumejn paga mis-salarju ta' dak ix-xahar. Fit-28 t'Ottubru, 1994, Doris Borg inghatat permess mill-iskola biex tmur ghand in-nutar fuq bicca xoghol privata. Kif kienet il-Belt, hija hadet l-opportunita' biex tmur id-Dipartiment tax-Xoghol biex issaqsi kemm kienet gustifikata l-iskola illi zammitilha jumejn paga. Bhala rizultat, id-Dipartiment, wara li stharreg il-kaz informa l-iskola li kienet ghamlet hazin li lil Doris Borg zammitilha jumejn paga u li dawn il-jumejn paga kellhom jithallsu lil Doris Borg, kif fil-fatt sar. Fil-25 ta' Novembru, 1994, kien se jkun hemm *staff meeting* wara l-hin tal-klassijiet. Doris Borg informat lil Kap ta' l-iskola, Marie Midolo li ma kienetx se tattendi minhabba bzonn privat.

Bhala rizultat ta' dan kollu u wara li Doris Borg kienet inghatat *warning,* l-iskola tterminat l-impjieg taghha.

Doris Borg resqet il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Qabel xejn, it-Tribunal irid jerga' jirrepeti l-konvinzjoni tieghu, kif fil-fatt kien ippropona waqt il-kors tas-smigh, illi kien ikun ahjar kieku l-partijiet jinsew il-passat u jibdew mill-gdid. Sfortunatament, din il-proposta ma sabitx art fertili u ghalhekk it-Tribunal kompla bl-ismigh tal-kaz.

It-Tribunal ikkonsidra a fondo s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet. B'mod partikolari ta attenzjoni ghar-riferenza da parti tal-appellat, ghall-kaz ta' "Attard kontra Sea Malta Ltd", liema kaz kien instemgha mit-Tribunal presjedut mill-istess Chairman. Dan il-kaz kien jinvolvi glied abbord vapur fil-port ta' Livorno, f'liema glied kien intuza strument li jaqta', ghalkemm "f'self defence". Minhabba l-intervent tal-pulizija Taljana, il-vapur kien wehel fil-Port Taljan, u dan id-dewmien flimkien mal-fatt illi Attard u dak li mar ghalieh kellhom jintbaghtu lura Malta f'ajruplani separati, kien ta' detriment finanzjarju kbir ghall-kumpanija. It-tnejn tkeccew mill-impjieg u Attard gie mixli quddiem il-Qorti Kriminali tal-Magistrati. L-individwu l-iehor li kien wegga hafif fil-glied ma deherx biex jixhed u Attard gie liberat minhabba mankanza ta' provi. F'dan l-istadju, it-Tribunal beda jisma' l-kaz ta' Attard li allega illi kien tkecca ngustament. It-Tribunal iddecieda illi t-tkeccija kienet gustifikata.

L-appellat qieghed jipparaguna dan il-kaz ma' dak ta' Doris Borg, fejn il-kumpanija ezercitat id-dritt li zzomm dixxiplina abbord. Dan it-Tribunal jaqbel mija fil-mija illi l-employer ghandu kull dritt, anzi kull obbligu li jzomm id-dixxiplina fil-post tax-xoghol, kemm jekk hu vapur, jew skola, jew fabbrika, jew lukanda, etc. Il-punt hu jekk Doris Borg kienetx hatja jew le ta' ksur ta' dixxiplina. L-iskola naqqsitilha jumejn paga ghax sostniet illi kienet assentiet ruhha ghal jumejn. Imma mix-xhieda rrizulta illi Doris Borg kienet ma tiflahx, kienet qalet wahda mill-kollegi taghha biex tinforma l-iskola illi ma kienetx gejja, u kienetipprezentat certifikat mediku meta regghat dahlet ghax-xoghol. L-iskola ma accettatx dan ic-certifikat ghax sostniet illi Doris Borg ma kienetx segwiet il-procedura normali biex tavza l-iskola li ma kienetx gejja minhabba mard. Izda meta Doris Borg, nghatat permess biex tmur ghand nutar fuq bicca xoghol privat, hadet l-okkazzjoni biex tmur id-Dipartiment tax-Xoghol biex tivverifika jekk l-azzjoni ta' l-iskola taz-zamma ta' jumejn

paga kienetx valida, rrizulta illi ma kienetx. Fil-fatt l-iskola giet imgieghla mid-Dipartiment thallas lil Doris Borg il-jumejn paga mizmuma. L-iskola sostniet illi Borg kienet inghatat permess biex tillarga mill-iskola biex tmur ghand in-nutar biss u mhux biex tapprofitta ruhha u tmur id-Dipartiment tax-Xoghol. Ghalkemm tista' tghid illi mis-sebgha hadet l-id, it-Tribunal ma jistax jaghti tort lil Borg talli fittxet dak li dehrilha kien dritt taghha, li rrizulta gustifikat.

Il-fatt illi Borg ma attendietx l-istaff meeting huwa nuqqas ta' "esprit de corps" min naha taghha. Staff meetings ghandhom skop importanti u cioe' biex l-ghalliema li huma f'komunikazzjoni diretta mat-tfal ikunu jistghu jivventilaw il-problemi li ghandhom, li b'diskussjoni u bdil ta' idejat, isibu soluzzjoni ghalihom. Jibqa l-fatt pero', li la fil-kuntratt ta' impjieg u la fil-*Wages Council Order* rilevanti hemm xi riferenza ghal *staff meetings*.

It-Tribunal innota illi ma hemm l-ebda kritika dwar l-abilita' ta' Doris Borg bhala ghalliema. It-Tribunal innota wkoll illi Borg hija membru tal-M.U.T. haga li tista' jew ma tistax tkun rilevanti. It-Tribunal huwa tal-opinjoni illi l-kawza ta' dan kollu hija l-antipatija personali li kienet tezisti bejn Doris Borg u Marie Midolo. Dan huwa dnub ghaliex Borg hija teacher kompetenti u Midolo qeghda taghmel kontribut rilevanti fil-qasam edukattiv.

It-Tribunal ma jidhirlux li tkun fl-interess la ta' Doris Borg, la ta' Marie Midolo, u lanqas ta' l-iskola stess kieku kellu jordna illi Doris Borg tinghata l-impjieg taghha lura.

It-Tribunal japprezza wkoll illi St. Catherine's hija skola privata li presumibilment ghandha fondi limitati. B'dana kollu t-Tribunal ma jistax ma jaghmilx gustizzja ma Doris Borg meta hu soddisfatt illi ma kienetx timmerita tkeccija mill-impjieg.

**DECIZJONI**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jordna St. Catherine’s High Schoool biex thallas is-somma ta’ Lm1,500 (elf hames mitt lira maltin) lil Doris Borg, bil-hlas bin-nifs ta’ Lm250 kull l-ahhar tax-xahar, ibda mill-ahhar ta’ Gunju, 1997 u tispicca fl-ahhar ta’ Dicembru, 1997.

Ghal finijiet tar-Regolamenti tal-1986 (A.L. 48 tal-1986) dwar drittijiet li jithallsu maghmula taht Kap. 266 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal qed jintaxxa l-persuni li deheru ghal partijiet fis-somma ta’ Lm40 kull wiehed.

B’hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

----------------------

**Maurice J.V. Bonello**
**CHAIRMAN**

-------------------

**Joyce Agius**
**A/Segretarja**

mrg